**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Carmela armla Manicolo

*versus*

Philip Hili

**Danni - Preskrizzjoni - Premessa - Talba - Ċitazzjoni**

*Il-libell għandu bħala premessa għat-talba illi "l-konvenut m'għamilx dawk ix-xogħlijiet" meta fil-fatt jirriżulta mill-premessi fil-kawża l-oħra, u anke mir-relazzjoni peritali li fuqha l-libellanti qed tibbaża l-pretensjoni tagħha, li x-xogħlijiet fil-fatt kienu saru imma li hi tippretendi li ma sarux skond l-arti u s-sengħa. L-attriċi ukoll f'dan il-libell tippremetti illi x-xogħlijiet għamlithom hi skond kif indikalha dan il-perit tekniku fil-kawża l-oħra. Wieħed*

*allura ma jistax ma jikkonkludix illi x-xogħlijiet li esegwiet l-appellanti kienu xogħlijiet biex tirrimedja għad-difetti u mhux xogħlijiet li ma kinux ġew esegwiti mill-appaltatur konvenut.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata mhux a bażi ta' preskrizzjoni iżda fir-rigward ta' l-insostenibbilità tat-talba fid-dawl tal-premessi tagħha kif avanzati mil-libellanti u tal-provi prodotti. Il-Qorti rriaffermat il-posizzjoni elaborata mill-ġurisprudenza illi l-preskrizzjoni għal talba għal danni naxxenti minn appalt hija dik ta' ħames snin.*

*Il-Qorti:-*

L-appellanti pproċediet quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ b'dan il-libell:

"Illi l-esponenti kienet inkarigat lill-konvenut biex jagħmlilha xogħol ta' kostruzzjoni fil-fond "Tescarm", Triq il-Vitorja, Ħal Qormi;

Illi l-konvenut ma għamilx dawn ix-xogħlijiet u hija pproċediet kontra l-istess b'kawża fl-ismijiet **Carmela armla Manicolo *vs* Philip Hili**, Ċit. nru. 26/85 JDC issa *sine die*;

Illi, fil-mori tal-kawża, ix-xogħlijiet għamlithom hija kif irrelata l-perit tekniku nominat f'dik il-kawża, l-AIC David Pace (dokument BB);

Illi dawn ix-xogħlijiet swew lill-attriċi s-somma ta' tmien mija u tletin lira (Lm830);

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li tressaq l-infraskritta malliverija għall-ispejjeż ta' dan il-libell, umilment titlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tmien

mija u tletin lira (*Lm830*) rappreżentanti l-ispejjeż li hija għamlet;

Bl-ispejjeż, il-konvenut mħarrek għas-subizzjoni";

L-appellant irrisponda hekk:

"Illi bla preġudizzju t-talba attriċi hija preskritta a tenur ta' għeluq erbgħa u għoxrin xahar;

Illi l-kawża hija *res judicata*;

Illi bla preġudizzju għal fuq espost it-talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri";

B'sentenza tad-*19 ta' Jannar*, 1995, il-Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet billi, filwaqt li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet fil-meritu, u dik dwar ir-*res judicata*, laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn u għalhekk ukoll irrespinġiet it-talba tal-libellanti, b'dan però li l-ispejjeż ġudizzjarji kellhom jiġu spartiti b'dan il-mod: żewġ terzi a kariku tal-libellanti Manicolo u terza parti jitħallsu mil-libellat Hili;

Appellat biss il-libellanti;

Il-Qorti tal-Kummerċ hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Ikunsidrat li bħala fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni għal dak li allegat il-libellanti Carmela armla Manicolo fis-sens li hija kienet inkarigat lil-libellant jagħmlilha xogħol ta'

*kostruzzjoni fil-fond*, "Tescam", *Triq il-Vitorja*, Ħal Qormi. Li dawn ix-xogħlijiet però ma ġewx esegwiti u ġiet istitwita kawża fis-sena 1985 kontra l-libellat (ċitazzjoni numru 26/85 JDC) li marret *sine die*. Din il-kawża għalhekk spiċċat biex marret deżerta. Ġara però li fil-mori tal-proċeduri l-perit ġudizzjarju li kien ġie nnominat biex jagħmel relazzjoni, l-A.I.C. David Pace, laħaq espleta l-inkarigu tiegħu, ippreżenta r-rapport u tħallas ukoll tiegħu (dok. BB). Lanqas ma jidher li ġie kkontestat li l-libellant kellha tħallas is-somma ta' tmien mija u tletin lira Maltija (Lm830) minn butha "rappreżentanti spejjeż li hija għamlet" minħabba l-inadempjenza tal-libellat";

Illi in risposta l-libellat avanza tlett eċċezzjonijiet, jiġifieri:

Illi l-kawża hija *res judicata*;

Illi bla preġudizzju t-talba hija preskritta a tenur ta' għeluq 24 xahar;

Li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Jingħad mill-ewwel li dwar it-tielet eċċezzjoni la qatt kien hemm spjegazzjoni tagħha u lanqas tressqu provi dwarha, u lanqas ma ġew issollevati eċċezzjonijiet ulterjuri. Illi għalhekk dina t-tielet eċċezzjoni ma tirriżultax fondata u qiegħda tiġi respinta;

L-ewwel eċċezzjoni tar-*res judicata* lanqas ma tirriżulta għaliex il-kawża l-oħra bejn il-kontendenti qatt ma ġiet deċiża imma marret deżerta. Minbarra dan, lanqas ma jirriżulta illi l-meritu ta' dik iċ-ċitzzjoni u dan il-libell kienu l-istess biex tissussisti dina l-eċċezzjoni. Mir-relazzjoni tal-perit Pace (ara

dok. BB fol. 5) jidher li din kienet ibbażata fuq inadempjenza ta' ftehim ta' appalt mentri dan il-libell huwa bbażat fuq rimbors ta' spejjeż minfuq mil-libellanti. Għalhekk dina l-eċċezzjoni *ukoll qed tiġi respinta;*

L-eċċezzjoni l-oħra *hija dik* dwar il-preskrizzjoni. Oriġinarjament il-libellat ma *ndikax* l-artikolu rilevanti li fuqu bbaża din l-eċċezzjoni, però, ippreċiża li kienet dik tas-sentejn. Fil-mori tal-proċeduri, tali nuqqas irrimedja għalih billi, fin-nota responsiva tiegħu għas-sottomissjonijiet in iskritt tal-libellanti huwa ċċita l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u żid jgħid li f'dan il-każ ma jidhirx li seħħet xi sospensjoni jew interruzzjoni bejn id-data li sar ix-xogħol (1984) u l-preżentata tal-libell. Dwar din l-eċċezzjoni, il-libellanti ssottomettiet li f'kull każ ma tressqux provi mill-kontro-parti;

Illi għalkemm *huwa* minnu li l-libellat seta' kien ħafna aktar preċiż fl-ewwel *risposta* tiegħu kif ukoll waqt is-smigħ tal-provi, però, jibqa' *l-fatt* li tranttandosi ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni din *dejjem tista'* tiġi ssollevata, anke fi stadju *ta'* appell;

Jidher ċar li l-azzjoni tal-libellant hija għall-ħlas ta' ħsarat b'konsegwenza ta' xogħol ħażin magħmul mil-libellat. Fi kliem ieħor si tratta ta' danni ta' natura ċivili. Issa l-artikolu ċċitat *mil-libellat* jistipula li *l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat* mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn. Meta in kwantu t-talba tal-libellant tinkwadra ruħha taħt dina x-xorta ta' azzjoni jirriżulta tabilħaqq li f'kull każ il-preskrizzjoni applikabbli hija dik invokata mil-libellat. Niġu issa għal dati relattivi. Dawn jistgħu jirriżultaw mix-xhieda jew mill-atti nnifishom. Il-libellat ma ressaqx xhieda. Mill-atti jirriżultaw id-dati u t-termini segwenti:

Is-sena 1984: skond il-libellat fin-nota ta' l-aħħar tiegħu sar ix-xogħol min-naħa tiegħu;

Is-sena 1985: ġiet ippreżentata ċitazzjoni kontra l-libellat;

20 ta' Settembru, 1989: ġiet ippreżentata r-relazzjoni peritali mill-AIC David Pace;

15 ta' Marzu, 1991: ġie ppreżentat dan il-libell;

Issa l-uniċi żewġ atti ġudizzjarji li kellhom l-effett li jinterrompu l-preskrizzjoni kienu ċ-ċitazzjoni u l-libell. Minbarra dan iċ-ċitazzjoni kellha l-effett ukoll li tissospendi l-perijodu preskrittiv, però, l-effett tagħha jidher li ntilef għar-raġuni li l-kawża ma baqgħetx tiġi segwita sa l-aħar da parti ta' l-attriċi u l-kawża tagħha spiċċat biex marret deżerta. Ebda parti ma ndikat meta l-kawża marret *sine die*. F'kull każ ukoll l-istess libellanti tgħid li ż-żewġ kawżi (jiġifieri l-ewwel ċitazzjoni u dan il-libell) mhumiex identiċi (ara nota tagħha, it-tieni paragrafu, fol. 46). Dan meta jfisser li dan il-libell għandu *iter* tiegħu separat, indipendenti u distint miċ-ċitazzjoni preċedenti. In sostenn tat-talba tagħha għall-ħlas, il-libellanti esebiet tliet dokumenti - dok. DAC/1, DAC/2, DAC/3;

Dawn juru hekk:

DAC/1 1984: riċevuta rilaxxata minn Frances (*sic*) Attard;

DAC/2: riċevuta minn George Ciappara bla data fuqha;

DAC/3: 17 ta' Diċembru, 1981: riċevuta minn Philip Hili (Il-libellat?);

L-ewwel u t-tielet riċevuti huma għaż-żmien 1981 - 1984 - u t-tieni presumibbilment hija għall-istess żmien. Kjarament jidher li bejn il-ħlas u l-preżentata tal-libell għaddew xejn anqas minn seba' (7) snin u għalhekk is-sottomissjoni tal-libellat f'dan ir-rigward hija ġustifikata u għalhekk l-eċċezzjoni tiegħu dwar preskrizzjoni tas-sentejn hija fondata";

Jiġi rriportat l-aggravju ta' l-appellanti għax hu dan biss li għandu jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti in kwantu materji oħra sollevati bl-eċċezzjonijiet tal-libellat u deċiżi fis-sentenza appellata, ma taw lok għal ebda aggravju u ma ġewx trattati:

"L-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx fil-fond u fir-reqqa l-aspett legali kollu konness ma' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan qed jiġi sottomess għax fl-ewwel lok ma sar ebda tibdil fil-bażi tat-talbiet. Qabel kien hemm kuntratt ta' appalt, u f'din il-kawża l-bażi huwa ukoll dak ta' appalt. Issa fl-ewwel kawża l-preskrizzjoni kienet sospiża jiġifieri ma mxitx sakemm marret deżerta. Kif marret deżerta allura reġa' beda għaddej it-terminu;

Fit-tieni lok jingħad ukoll li l-Qorti kienet messha applikat terminu preskrittiv ta' ħames snin u mhux ta' sentejn kif tidher li għamlet;

Fit-tielet lok jingħad ukoll li kienet ukoll żbaljata li ħadet in konsiderazzjoni li kawża kienet marret deżerta mingħajr ma kellha verament il-prova ta' dan";

Għandu jiġi qabel xejn irreġistrat illi:

Is-seduta tal-25 ta' April, 1997, quddiem din il-Qorti ġie verbalizzat illi l-kontendenti qablu li jiġu allegati ma' dan l-appell, anke jekk dan hu stadju inoltrat tal-kawża quddiem qorti

ta' *reviżjoni*, l-atti tal-kawża numru 26/85 JDC *fl-ismijiet* **Carmela Manicolo *vs* Paul Hili**, ittrattata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ;

*Fin-nota responsiva* tiegħu tat-28 ta' Settembru, 1994, quddiem l-istess Qorti tal-Kummerċ, ġie ddikjarat *mil-libellat* illi l-kawża għad-danni minnu ntavolata kellha, fil-fehma tiegħu, terminu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

*Din il-Qorti* eżaminat l-atti tal-kawża Ċit. 26/85 u *minnha* jirriżulta illi:

*Iċ-ċitazzjoni ta' l-appellanti* odjerna kienet *verament* tirrigwarda *l-istess xogħlijiet* meritu ta' din il-kawża;

It-talbiet f'dik *il-kawża* huma però għal kollox differenti mit-talbiet f'dan *il-libell*. F'dik il-kawża l-attriċi talbet li jiġi prefiss *lill-konvenut* - *l-appellat* odjern - terminu qasir *u* perentorju biex *jirrepara* l-kontrabejt u jagħmlu skond *l-arti u s-sengħa u li jiġi* kkundannat iħallas lill-attriċi *dik* is-*somma li* tirriżulta *bħala* l-ammontanti ta' l-iżborżi li għamlet *biex* tirranġa l-katusi. F'dan il-libell it-talba ta' l-attriċi hi għall-kundanna tal-konvenut biex iħallasha s-somma ta' tmien mija u tletin lira Maltija (Lm830) rappreżentanti l-ispejjeż li hija għamlet għaliex "il-konvenut m'għamilx dawn ix-xogħlijiet" li kienet inkarigat lill-konvenut biex jagħmlilha;

Issa, filwaqt li l-ewwel azzjoni tirriżulta ben motivata fuq l-inadempjenza kontrattwali tal-konvenut li ġie allegat li ma esegwix l-appalt lilu mogħti skond l-arti u s-sengħa u ntalbet allura l-kundanna tiegħu li jirrimedja għal tali xogħol ħażin u difettuż, mhux l-istess jista' jingħad għal-libell promotur tal-preżenti proċedura. Dan infatti għandu bħala premessa għat-

talba illi "il-konvenut m'għamilx dawk ix-xogħlijiet" meta fil-fatt jirriżulta mill-premessi fil-kawża l-oħra, u anke mir-*relazzjoni peritali li fuqha* l-*libellanti* qed *tibbaża* l-pretensjoni *tagħha*, li x-xogħlijiet fil-fatt kienu saru imma li hi *tippretendi li* ma sarux skond l-arti u s-sengħa. Tippremetti wkoll f'dan il-libell li x-xogħlijiet għamlithom hi skond kif *indikalha* dan il-perit tekniku fil-kawża l-oħra. Wieħed allura ma jistax ma jikkonkludix illi x-xogħlijiet li esegwit l-appellanti kienu xogħlijiet biex *tirrimedja* għad-difetti u mhux xogħlijiet li ma kinux *ġew esegwiti* mill-*appaltatur* konvenut;

*Dan iwassal* għal *konklużjoni illi*, filwaqt li hu ċar *illi l*-ewwel azzjoni kienet waħda *ex contractu*, regolata *bil*-preskrizzjoni li tirregola l-appalt, dan il-libell hu *azzjoni* ta' danni mmirata biex il-libellanti tirrikava *dak* l-ammont li hi kienet kostretta li tħallas minħabba l-aġir ta' l-appaltatur li naqas li jirrimedja għad-*difetti* fix-xogħol tiegħu. Din il-Qorti ma tifhimx *kif l-appellanti* tista' tiġġustifika l-pretensjoni *tagħha għall-ħlas ta'* xogħol *minnha* esegwit bl-operat *ta'* *ħaddieħor*, meta ma kellhiex preventivament *pronunzjament* ġudizzjarju li l-appellat appaltatur kien inadempjenti, jew li kien verament għamel xogħol li ma kienx skond l-arti u s-sengħa. Dan għaliex ħalliet il-kawża minnha oriġinarjament intavolata fuq dan il-meritu tmur deżerta;

Jirriżulta nfatti *illi* l-kawża 26/85 JDC tħalliet *sine die* fit-*13 ta' Frar, 1991*, <u>fuq talba ta' l-istess attriċi</u> u ġiet iddikjarata *mill-Qorti* li *marret* deżerta, fit-termini ta' l-artikolu 964 *tal*-Kap. 12, fl-1 tta' Awissu, 1991. Sewwa jingħad ukoll *illi* waqt li fit-trattazzjoni tal-kawża rriżulta li l-konvenut kien għamel ix-xogħol iżda jidher li dan ma sarx skond is-sengħa u l-arti, ma nġiebet l-ebda prova da parti tal-libellanti tal-premessa tagħha f'dan il-*libell illi l-libellat* ma kienx għamel ix-xogħlijiet li *tqabbad jagħmel. Għalhekk indipendentement mill-kwistjoni tal-preskrizzjoni* ta' l-azzjoni li ser tiġi issa ttrattata, din *il-Qorti*

ma tarax kif tista' ssalva l-azzjoni jew tiġġustifika t-talba attriċi fuq il-premessi li jirriżultaw għal kollox insostenibbli fil-liġi;

Fir-rigward ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ta' l-effett tad-digriet tad-deżerzjoni fuq id-dekors tal-perijodu preskrittiv, din il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet li jwassluha għad-deċiżjoni *diversa minn* dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti;

*Is-subinċiż 6 ta' l-artikolu* 963 tal-Kap. 12 jipprovdi *illi* bid-deżerzjoni tal-kawża fil-qorti ta' l-ewwel grad *il-proċediment jispiċċa* iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni;

*Is-subinċiż 1 ta' l-artikolu* 2132 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

*Il-ksur tal-preskrizzjoni* magħmul b'talba ġudizzjarja, jitqies bħallikieku ma sarx jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew jekk il-kawża tibqa' deżerta, jew jekk it-talba tiġi miċħuda";

*Fil-każ in eżami* hu stabbilit:

Li *l-kawża oriġinali* kienet u baqgħet deżerta. Kif fuq irrilevat, *l-azzjoni prinċipali* f'dan il-libell mhix l-istess bħal *dik proposta* bl-att taċ-ċitazzjoni la fil-premessi tagħha, la fit-*talbiet* tagħha u lanqas fil-finalità tagħha;

*Li ma jirriżultax* allura li l-attriċi appellanti f'dan il-libell ipproponiet mill-ġdid l-istess azzjoni li kienet marret *deżerta*. Ipproponiet azzjoni oħra bbażata fuq il-fatt sussegwenti illi hi stess esegwiet ix-xogħlijiet rimedjali li kienet lill-Qorti oriġinarjament talbet li jiġi kkundannat li jagħmel l-appellat;

Li *ma* jistax allura jitqies li kien hemm xi interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv estintiv *ta' l-azzjoni proposta* oriġinarjament *mill-appellanti* kemm jekk din titqies li hi bbażata fuq inadempjenza kontrattwali kif ukoll jekk titqies li hi bbażata fuq riżarċiment ta' dannu;

*Illi* jsir allura għal kollox irrilevanti *l*-eżerċizzju biex jiġi determinat jekk l-azzjoni *preżenti* tal-libell kinitx jew le salvata mill-preskrizzjoni estintiva, għaliex, kif żbaljatament issottomettiet l-appellanti fl-aggravju tagħha, "il-*preskrizzjoni* kienet sospiża, jiġifieri ma mxietx sakemm marret deżerta", u li *t-terminu statutorju reġa' beda għaddej appena ġiet hekk* iddikjarata. Kif fuq affermat il-fatt tad-deżerzjoni jimplika illi ma kien hemm l-ebda sospensjoni tat-terminu preskrittiv;

Dan kollu però hu rrilevanti għax, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, *il-libell taħt eżami għandu iter tiegħu separat* indipendenti *u* distint miċ-ċitazzjoni preċedenti, li konsegwentement, għall-fini tal-preskrizzjoni wieħed għandu jqis il-meritu tal-libell fuq it-talba kif proposta fih u jistabbilixxi jekk it-terminu preskrittiv invokat mil-libellat kienx jew le applikabbli għalihom;

L-appellat qed jeċċepixxi li l-azzjoni hija preskritta in forza ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. L-Ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni għax irriteniet illi l-azzjoni tal-libellant kienet għall-ħlas tal-ħsarat konsegwenza *ta' xogħol ħażin* magħmul *mil-libellat*, u allura kienet kawża ta' riżarċiment ta' danni ta' natura ċivili. Dana diġà mhux korrett, għax kif ingħad, it-talba tal-libellant m'*għandhiex* bħala premessa tagħha l-esekuzzjoni ħażina ta' l-appalt imma, għall-kuntrarju, illi l-konvenut libellat inkarigat biex jagħmel xogħol lill-attriċi libellanti baqa' ma għamilx dak ix-xogħol;

Dan apparti, l-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li l-artikolu 2153 jistipula li l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn. Minn dan ġibdet il-konklużjoni li t-talba tal-libellant tinkwadra *ruħha taħt* din ix-xorta ta' azzjoni u allura l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ kienet dik invokata mil-libellat. Dan ukoll mhux ġuridikament korrett. Infatti, hemm ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li dan l-artikolu ma jirreferix għal danni kontrattwali kif *ex admissis* u sewwa identifikat li kien il-każ preżenti mill-Ewwel Qorti, iżda kien jirreferi għal danni kkawżati minn delitti jew kważi delitti:

"Il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 hija applikabbli għad-danni "extra kontrattwali" jiġifieri ġejjin mhux min inadempjenza ta' obbligazzjoni imma *ex delictu vel quasi*. Meta d-danni huma *ex contractu* għax ġejjin minn relazzjoni ta' obbligazzjoni, il-preskrizzjoni hija ta' ħames snin u mhux ta' sentejn" (Vol. XXIX, pt. I, p. 1340 u l-każistika fiha indikata). "Fil-każ ta' appalt addebitu li l-appaltant jagħmel lill-appaltatur, li huwa responsabbli għad-danni minħabba esekuzzjoni ħażina ta' l-appalt, jikkostitwixxi addebitu ta' kolpa kontrattwali u ma fihx karattru delittwuż jew kolpuż u għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli kontra l-azzjoni għal dawk id-danni hija dik ta' ħames snin" (Voll. XXVIII, pt. I, p. 292):

"*È riconosciuto che quella prescrizione di due anni stabilita dall'articolo 1917* (issa 2153) *non riguarda le azioni per risarcimento di danni derivanti da dolo o colpa contrattuale; simili azioni si prescrivono nello stesso tempo in cui si prescrive l'obbligazione*" (Vol. XXVI, pt. I, p. 54);

Hu ċar allura li l-eċċezzjoni eċċepita mil-libellat ma kinitx applikabbli għall-obbligazzjoni li l-libellanti qed tittanta

tikkanonizza f'din il-kawża. F'dan ir-rigward allura, is-sentenza *appellata ddeċidiet li* l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet *ġuridikament* skorretta. Dan *però għandu mportanza marġinali* billi kif diġà ngħad, dan l-appell qed jiġi deċiż fuq *il-bażi li* l-azzjoni kif proposta hija fi kwalunkwe każ insostenibbli;

Din il-Qorti sejra allura tikkonferma s-sentenza appellata mhux għar-raġunijiet dedotti *mill*-Ewwel Qorti imma għar-raġunijiet minnha *mogħtija* fl-ewwel parti ta' din is-sentenza *fir-rigward ta' l-insostenibbilità* tat-talba fid-dawl tal-premessi tagħha kif avanzati mil-libellanti u tal-provi prodotti;

Għal dawn il-motivi u mhux għal dawk dedotti *fis*-sentenza appellata, partikolarment l-akkoljiment ta' *l-eċċezzjoni* tal-preskrizzjoni li din il-Qorti qed *tirrevoka*, is-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata in kwantu ċaħdet it-talbiet attriċi u l-appell qed jiġi *miċħud*. L-ispejjeż tal-prim'istanza *għandhom jibqgħu kif ġà deċiżi* mill-Ewwel Qorti, dawk ta' dan l-*appell* għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti *in vista* tal-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet dwar l-aggravji tal-konvenut libellat in parte ġustifikati u *in vista* ta' l-ilment ġustifikat tal-libellanti appellanti *fir*-rigward tal-preskrizzjoni.

---